MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2007

Appell Kriminali Numru. 407/2006

Il-Pulizija
(Spettur A. Gafa)
Vs

Triza Grima

Il-Qorti;

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli :

1. fl-ewwel ta’ Gunju 2006, fl-Ufficju tal-Prim Ministru, bil-qerq holqot jew gieghelt jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu ‘l quddiem jiswew bi prova kontra Robert Cutajar mill-Mellieha, bil-hsieb li b’hekk Robert Cutajar ikun jista jigi kontra s-sewwa akkuzat jew misjub hati ta’ reat;
2. fl-istess data, lok u cirkostanzi, bil-hsieb li taghmel hsara lil Robert Cutajar mill-Mellieha, akkuzat lil Robert

Cutajar quddiem awtorita kompetenti b'reat, filwaqt li kienet taf li kien innocenti;
3. fl-istess data, lok u cirkostanzi, bil-hsieb li ttellef jew tnaqqas il-gieh ta' Robert Cutajar mill-Mellieha, wegghetu bi kliem, b'gest, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod iehor.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-6 ta' Dicembru, 2006, li biha, wara li rat l-artikoli 101(1), 110(1) u 252(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma sabitx lill-appellata hatja tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront taghha w lliberatha minnhom.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fl-20 ta' Dicembru, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma w tibdel is-sentenza appellata, billi, filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn l-appellata giet liberata mill-ewwel imputazzjoni, thassaraha w tirrevokaha fil-bqija, w minflok, issib u tiddikjara htija tal-istess appellata fit-tieni u t-tielet imputazzjonijiet, u tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, Avukat Generali jikkonsistu fis-segwenti:- 1. l-ewwel aggravju jiskatta minn dak il-bran fis-sentenza appellata li jaqra fis-sens li l-imputata appellata qatt ma ghamlet rapport ghand l-awtorita' kompetenti meta wasslet din l-allegazzjoni inveritjiera taghha lill-oghla ufficjali gewwa l-Ufficcju tal-Prim' Ministru. Illi hu ovvju li fil-gurisprudenza nostrana l-awtorita' kompetenti testendi anke ghal dik l-awtorita' li ghandha l-jedd (jekk mhux id-dover) li tghaddi l-kaz lil haddiehor (kif gara fil-kaz odjern) biex dan eventwalment jinvestiga u, jekk ikun il-kaz, iressaq il-Qorti.

2. Fir-rigward tal-elementi mehtiega ghall-fini tat-tielet imputazzjoni, l-Ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni zbaljata tal-ligi. L-appellata, fl-allegazzjoni li kienet qed tiddenuncja mall-ufficjal tal-ufficju tal-Prim' Ministru, intenzjonalment ziedet dettall meta kienet taf li dan ma kienx minnu bhala fatt u cioe' li hija direttament kienet rat lil Frans Mizzi jghaddi flus lil Robert Cutajar. Meta kienet taf biss li l-

isem tal-persuna li suppost irceviet il-flus kien semplicement: “Robert” , hija qabdet u kkonkludiet li dak Robert kien effettivament Robert Cutajar li jahdem gewwa l-Ufficju tal-Prim’ Ministru u b’ hekk riedet tnaqqas il-gieh ta’ dan l-ufficjal halli l-Prim’ Ministru ikun jaf x’ tip ta’ impjegati ghandu gewwa l-ufficcju tieghu. F’dan il-kuntest, l-Ewwel Qorti wara li korrettement enuncjat li fid-dottrina specifika ta’ meta l-kliem ikun manifestament ingurjuz (bhal ma kien fil-kaz odjern) tali intenzjoni specifika hija prezunta w ikun jinkombi fuq l-imputat jew akkuzat li jipprova li dawk il-kliem ma qalhomx bil-hsieb li joltraggja, izda bi skop iehor rikonoxxut mil-ligi li jinnewtralizza l-*animus iniuriandi* , applikat b’ mod zbaljat l-aspetti guridici l-ohrajn tal-*animus consulendi* jew l-*animus corrigendi*. F’ dal-kaz ma kien hemm xejn minn dan kollu, anzi l-appellata cahdet li kienet qalet – kif sostnew diversi xhieda – li kienet rat lil Francis Mizzi jghaddi l-flus lil Robert Cutajar. Ghalhekk jirrizulta l-*animus iniuriandi* skond gurisprudenza lokali .

L-appellant zied jghid li fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, jaqbel li l-Ewwel Qorti setghet ragjonevoment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha u cioe’ li ma kienx hemm provi sufficjenti. Ghalhekk ma kien qed iressaq ebda ilment jew aggravju appropozitu.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellata esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza gja gew magisterjalment u dettaljatament esposti fis-sentenza appellata u ma hux il-kaz li jerghu jigu ri-epilogati fid-dettall f’ din is-sentenza.

*“The points in issue”* f’ dan l-appell huma s-segwenti :-

1. x’ kienet verament qalet – jekk qalet – l-appellata fl-inkontru li sar f’ Kastilja fl-1 ta’ Gunju, 2006, bejna, l-

gharus taghha Lee Anthony Degiorgio w l-impjegati tal-ufficju tal-Prim' Ministru, Remigio Bartolo w Alfred Mangion ?

2. jekk dak li intqal – jekk intqal - jammontax ghall-verita' jew kienx semplici invenzjoni jew tizjina tal-appellata?

3. jekk dak li ntqal ma kierx veru, dan jammontax ghar-reat ta' kalunja dedott fit-tieni imputazzjoni?

4. jekk dak li ntqal ma kienx veru, dan jammontax ghar-reat ta' ingurja bil-fomm skond it-tielet imputazzjoni?

Issa il-provi – eskluz kull element ta' *hearsay* jew provi ohra mhux ammissibbli – dwar x' verament intqal u ma ntqalx mill-appellata fil-kors tal-inkontru fuq imsemmi huma ix-xiehda tal-imsemmija Bartolo (fol.16) u Mangion (fol.20) mill-parti l-wahda w ic-cahda tal-appellata kontenuta fl-istqarrija taghha lill-Pulizija (Fol. 13 u 14 tal-process) mill-parti l-ohra.

Di fatti fil-waqt li kemm Bartolo kif ukoll Mangion isostnu bil-gurament li f' hin minnhom waqt l-inkontru interveniet l-appellata u *inter alia* allegat li kienet rat lil Frans Mizzi detto" Il-Pluto" jghaddi lil Robert Tan-Net Sports il-hames mitt lira Maltin li kienu tawh biex jirrangalhom halli l-gharus taghha jidhol suldat fl-armata, l-appellata, fl-istqarrija taghha, tichad li qalet dad-diskors anzi ssostni li dan ma ratux ghax huma kienu baqghu barra il-post fejn suppost saret il-konsenja , u qalet ukoll li lil dan Robert hi ma tafx min hu. Tenniet li lil ta' Kastilja kienet qaltilhom li kienu hallsu l-flus u li Frans kellu jkellem lil Robert u li lil ta' Kastilja qaltlu li ma kienux raw lil Mizzi jaghtih il-flus.

Bhala korroborazzjoni ghal versjoni tieghu, meta xehed fit-tieni okkazzoni, Alfred Mangion (fols. 26 u 27) esebixxa dokument Z li kien fih notament fejn hu kien nizzel dak in-nhar stess li "*t-tfajla ratu jghaddi l-flus lil Robert ta' l-Isport."* (Fol.28). L-appellata ma hassitx il-htiega li tikkonferma din ic-cahda bil-gurament taghha.

Ghalhekk f'dan l-istat tal-provi din il-Qorti m' ghandha ebda raguni ghaliex tiddubita x-xhieda ta' Bartolo u Mangion dwar x' verament kienet qalet l-appellata fl-inkontru de quo.

Issa li dak li qalet ma kienx il-verita' tammettieh hi stess fl-istqarrija taghha kif ukoll jirrizulta mid-depozizzjoni tal-istess Mizzi li ghalkemm xehed li veru kien ha s-somma ta' LM500, hu din qatt ma kien ghaddiha lil Robert Cutajar.

Li ghalhekk jidher li meta semmiet din ic-cirkostanza, l-appellata li kellha gravam genwin kontra Frans Mizzi li kien dahaq biha w bl-gharus taghha, halliet ilsiena jahrab biha w biex issahhah il-kaz taghha qalet li rat lil Cutajar jircevi l-flus meta fil-fatt – kif taccetta hi stess fl-istqarrija taghha – dan qatt ma kienet ratu.

Illi indubbjament din kienet allegazzjoni falza serjissima kontra funzjonarju pubbbliku w cioe' li hu jircevi flus biex jinfluwenza r-reklutagg ta' nies fl-armata, allegazzjoni li ma tirrizulta bl-ebda mod, anzi jirrizulta proprju l-kuntrarju.

Mela bhala fatt ma hemmx kwistjoni li l-appellata qalet il-falz kontra Cutajar. Jekk pero' dan jammontax ghar-reat ta' kalunja kif definit fil-ligi u fil-gurisprudenza hija haga ohra.

Fil-fehma konsidrata ta' din il-Qorti, kliem bhal dan li intqal biss fil-prezenza ta' zewg funzjonarji tac-civil, 'sia pure' impjegati fl-ufficcju tal-Prim' Ministru, ma jammontax ghar-reat kontemplat fl-artikolu 101 li fuqu hija msejjsa t-tieni imputazzjoni. Il-koncett ta' awtorita' kompetenti ma ghandux jigi imgebbed u stirakkjat biex jiftiehem li jkopri anki funzjonarji tal-Gvern f' dipartimenti u dikasteri ohra li m' ghandhomx x' jaqsmu mall-Pulizija Ezekuttiva. Il-precedent li invoka l-appellant b' riferenza ghall-kawza **"Il-Pulizija vs. Joseph Seychel"** [17.10.1997] ma hux applikabbli ghal dan il-kaz ghaliex hemm il-kliem ingurjuz li kien jikkostitwixxi ukoll akkuza falza ta' reat fil-konfront ta' Spettur tal-Pulizija, intqal proprju quddiem membru iehor tal-istess Korp tal-Pulizija w li allura kellu l-funzjoni w

d-dmir li jagixxi fuq dik l-akkuza li kienet qed issir fil-prezenza tieghu. Kif intqal f' din is-sentenza :-

"awtorita' kompetenti, jigifieri awtorita' li ghandha s-setgha li tipprocedi biex tinvestiga u eventwalment tressaq il-Qorti (jew tghaddi l-kaz lil haddiehor biex dan eventwalment iressaq il-Qorti)"

Dan il-kaz hu *toto coelo* differenti ghax l-akkuza saret biss fil-prezenza ta' zewg impjegati f'dikasteru differenti minn dak li hu responsabbli ghall-Korp tal-Pulizija, li wara kollox hu l-korp li jinvestiga reati w jipprocedi kriminalment fejn jirrizultalu ksur tal-ligi. U ma jirrizultax li la Bartolo u lanqas Mangion ghandhom xi funzjoni jew poter specjali oltre dawk li ghandhom ic-cittadini ordinarji fir-rigward. Il-fatt li huma mbaghad ghaddew il-kaz f' idejn il-Kummissarju ma jirrendihomx awtorita' kompetenti ghax kull cittadin ordinarju seta' jaghmel bhalhom u jirraporta l-allegat reat . Ghalhekk l-ewwel aggravju tal-Avukat Generali qed jigi respint.

Mhux l-istess pero' t-tieni aggravju li jolqot it-tielet imputazzjoni. Kif intqal jirrizulta li l-appellata ghamlet allegazzjoni mill-aktar serja w ingurjuza fil-konfront ta' Robert Cutajar, li kienet taf li hija falza billi ma fatti veri (partikolarment fejn jirrigwarda l-agir ta' Mizzi) ziedet bicca li ivventat hi biss kif fuq intqal.

Illi ma hemmx dubju li l-ingurja kontemplata fl-artikolu 252 (1) tal-Kodici Kriminali trid tkun maghmula bil-hsieb specifiku li dak li jkun inaqqas jew itellef il-gieh ta' haddiehor. Hi dottrina pacifika li meta l-kliem ikunu manifestament ingurjuzi, tali intenzjoni specifika hija prezunta u jkun jinkombi fuq l-imputat jew akkuzat li jipprova (imqar fuq bazi ta' probbabilta) li dawk il-kliem ma qalhomx bil-hsieb li joltraggja, izda b' xi skop iehor rikkonoxxut mill-ligi li jinnewtralizza l-*"animus iniouriandi"* (vide App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Joseph Gauci"** **[**3.9.2001]; App. Krim. **"Francesco Cascun vs. Rev. Sac. Charles Vella"**[13.5.1961] u ohrajn).

Issa kif jghid il-**GATLEY** ("On Libel and Slander" – Sweet & Maxwell 7th. Edit. P. 78; para. 148 et seq.) :-

"Words which impute to the plaintiff the commission of a crime for which he can be made to suffer …by way of punishment are actionable."

Fil-kaz in ezami la jirrizulta l-*animus corrigendi* u lanqas l-*animus consulendi* ghax, kif tistqarr l-istess appellata, hi qatt ma kienet rat lil Mizzi jghaddi xi flus lill-Robert Cutajar u ghalhekk meta lil Mangion u Bartolo kienet qaltilhom li rat dan, kienet taf li qed tghid haga falza. Dan jannjenta l-possibilta' li dak li ghamlet ghamlitu b' fini iehor ghajr dak li tingurja lil Cutajar. Veru li x' aktarx li ghamlitu biex issahhah il-kaz taghha biex l-gharus taghha, ikun jista' jakkwista *job*, peress li kien gie tradut minn Mizzi , imma dan ma jiskolpax lill-appellata.

Certament li hawn non si tratta ta' kliem mhux imfisser car jew canfir mhux specifikat jew kliem mhux xieraq li seta' talvolta jirrendi lill-appellata hatja ta' dak li fil-prassi tissejjeh "ingurja semplici" kif mahsub fis-sub artikolu (2) tal-artikolu 252. Hawn kien hawn allegazzjoni preciza u serjissima .Ghalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti l-imputazzjoni li hija ingurjat gravement bi kliem lil Robert Cutajar fit-termini tal-art. 252 (1) kellha tirrizulta ampjament pruvata lill-Ewwel Qorti li suppost kellha ssib htija . F' dar-rigward ghalhekk id-decizjoni ta' l-Ewwel Qorti trid tigi revokata .

Illi dwar il-piena, l-artikolu 251 (1) jipprovdi li dar-reat huwa punibbli bil-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux aktar minn tlitt xhur jew il-multa. Wara li din il-Qorti rriflettiet fit-tul dwar l-aktar piena idonea li ghandha tapplika f' dan il-kaz, thoss li l-piena karcerarja mhux indikata fic-cirkostanzi w jkun aktar xieraq li tigi applikata l-piena tal-multa, stante li l-appellata aktar tidher li agixxiet b' motiv irresponsabbli *"recklessly*", milli b' motiv malizzjuz u dan biex minghalija ssahhah il-kaz tal-gharus taghha halli jottjeni dak li kien qed jaspira ghalih wara li hi, l-gharus u l-familja taghha kienu gew verament ingannati w iddefrawdati minn Mizzi .

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa’ limitatament l-appell ta’ l-Avukat Generali u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn ma sabitx lill-appellata hatja tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni w tirrevokaha fejn ma sabitx lill-appellata hatja tat-tielet imputazzjoni billi minnflok issib lill-appellata hatja tat-tielet imputazzjoni li fl-1ta’ Gunju, 2006, fl-Ufficcju tal-Prim’ Ministru, bil-hsieb li ttellef jew tnaqqas il-gieh ta’ Robert Cutajar mill-Mellieha, wegghetu bi kliem, u, wara li rat l-artikolu 252 (1) tal-Kodici Kriminali, tikkundannaha mitt lira Maltin (LM100) multa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------